# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 5**

**Rikors Numru 237/2020**

**Carlo Abela (ID 0535182M)**
**vs**
**Jonathan Grogan (ID 0193392M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Carlo Abela (l-Attur) tat-12 ta' Marzu 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> Ir-Rikorrenti jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jaf hu personalment:
>
> 1. Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April, tas-sena elfejn u sittax (2016) sehh incident stradali gewwa Marsa bejn Isuzu Elf bin-numru ta' registrazzjoni LCW-481 misjuqa mir-rikorrenti Carlo Abela u l-vettura tat-tip *Toyota Vitz* bin-numru ta' registrazzjoni GRO-002 misjuqa mill-intimat Jonathan Grogan (*vide Incident Report* mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok RAR**');

2. Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat li, minghajr ma ha d-dovuti kawteli, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, invada l-korsija tar-rikorrent, b'konsegwenza li kkaguna l-incident *de quo*;

3. Illi rizultat ta' dan l-incident stradali, Carlo Abela sofra u ghadu jsofri minn danni,kemm bhala *damnun emergens* kif ukoll bhala *lucrum cessans*. Tali danni, inter alia, gew ikkawzati minhabba l-fat li l-esponeneti sofra debilita' permanenti hekk kif jirrizulta inn divcersi certifikati medici rilaxxati minn tobba u professjonisti, hawn annessi u mmarkati kif indiktat, fosthom;

    a. **Dok CA1**: Rapport Mediku rilaxxat minn Mr. Massimo Abela;
    b. **Dok CA2**: Rapport Mediku rilaxxat minn Dr. Mark Xuereb.

4. Illi l-esponenti ghadu sallum il-gurnata jbaghti minn debilita' permanenti u dan hekk kif ser jigi debitament pruvat waqt il-mori ta' din il-kawza;

5. Illi inoltre, minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut Jonathan Grogan, l-attur tilef ammont sostanzjali mis-salarju li kellu, u dan kif jirrizulta mil-formoli tat-taxxa tas-snin 2015, 2016 u 2017 – dokumenti mmarkati minn **DOK CA3** sa **DOK CA5** rispettivament;

6. Illi inoltre, l-esponenti kellu jghamel tajjeb ghal diversi spejjez rigwardanti medicini u visiti ta' tobba specjalizzati – dokumenti mmarkati minn **Dok CA6** sa **Dok CA22**;

7. Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi;

8. Illi l-konvenut kien nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati lil attur anke permezz ta' ittra ufficjali datata erbatax (14) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018), hawn annessa u mmarkata bhala **DOK CA23** izda dan baqa' inadempjenti;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

10. Illi dawn il-fatti jafhom l-attur personalment.

*RAĠUNI TAT-TALBA*

Ir-Rikorrenti jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jaf hu personalment:

1. Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April, tas-sena elfejn u sittax (2016) sehh incident stradali gewwa Marsa bejn Isuzu Elf bin-numru ta' registrazzjoni LCW-481 misjuqa mir-rikorrenti Carlo Abela u l-vettura tat-tip *Toyota Vitz* bin-numru ta' registrazzjoni GRO-002 misjuqa mill-intimat Jonathan Grogan (*vide Incident Report* mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok RAR**');

2. Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat li, minghajr ma ha d-dovuti kawteli, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, invada l- korsija tar-rikorrent, b'konsegwenza li kkaguna l-incident *de quo*;

3. Illi rizultat ta' dan l-incident stradali, Carlo Abela sofra u ghadu jsofri minn danni,kemm bhala damnun emergens kif ukoll bhala lucrum cessans. Tali danni, inter alia, gew ikkawzati minhabba l-fat li l-esponeneti sofra debilita' permanenti hekk kif jirrizulta inn divcersi certifikati medici rilaxxati minn tobba u professjonisti, hawn annessi u mmarkati kif indiktat, fosthom;

    c. **Dok CA1**: Rapport Mediku rilaxxat minn Mr. Massimo Abela;
    d. **Dok CA2**: Rapport Mediku rilaxxat minn Dr. Mark Xuereb.

4. Illi l-esponenti ghadu sallum il-gurnata jbaghti minn debilita' permanenti u dan hekk kif ser jigi debitament pruvat waqt il-mori ta' din il-kawza;

5. Illi inoltre, minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut Jonathan Grogan, l-attur tilef ammont sostanzjali mis-salarju li kellu, u dan kif jirrizulta mil-formoli tat-taxxa tas-snin 2015, 2016 u 2017 – dokumenti mmarkati minn **DOK CA3** sa **DOK CA5** rispettivament;

6. Illi inoltre, l-esponenti kellu jghamel tajjeb ghal diversi spejjez rigwardanti medicini u visiti ta' tobba specjalizzati – dokumenti mmarkati minn **Dok CA6** sa **Dok CA22**;

7. Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi;

8. Illi l-konvenut kien nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati lil attur anke permezz ta' ittra ufficjali datata erbatax (14) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018), hawn annessa u mmarkata bhala **DOK CA23** izda dan baqa' inadempjenti;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

10. Illi dawn il-fatti jafhom l-attur personalment.

**TALBIET**

Ghaldaqstant u in vista ta' dak espost fil-premess, l-attur jitlob bir-rispett li din il-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjjara lil- Jonathan Grogan responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' April, tas-sena elfejn u sittax (2016) gewwa il-Marsa, u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra r-rikorrenti;

2. Tillikwida d-danni kollha soferti mill-attur konsegwenza tal-imsemmi incident, kemm dawk bhala damnun emergens kif ukoll dawk bhala lucrum cessans; u

3. Tikkundana lil-konvenut Jonathan Grogan ihallas lil-attur id-danni kollha li jigu hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fl-erbatax (14) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) u Ittra Ufficjali ohra pprezentata lum stess mahruga kontra l-assikurazzjoni tal-intimat u bl-imghax skond il-ligi kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Jonathan Grogan (il-konvenut) tal-1 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi, fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent jirrileva illi huwa qieghed jaccetta responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fit-23 ta' April 2016 gewwa l-Marsa. Di fatti, l-esponent irregistra *claim* mas-socjeta' assikurattiva tieghu Mapfre Middlesea plc u ddelega lill-istess sabiex titratta hi mat-terz dwar l-imsemmi incident.

2. Izda, dwar l-entita' tad-danni pretizi mir-rikorrent, dawn huma kontestati. Ghaldaqstant, jispetta lir-rikorrent il-prova skond il-ligi tad-danni minnu pretizi.

3. Illi, fi kwalunkwe kaz, l-esponent m'ghandux ibati spejjes gudizzjarji.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat li l-konvenut ammetta t-tort għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni iżda qed jikkontesta d-danni.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

Dan huwa inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 ta' April 2016 il-Marsa għalkemm fir-rikors promotur huwa indikat bi svista li seħħ fl-24. L-attur kien qiegħed isuq Van Isuzu bin-numru LCW-482 mentri l-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru GRO-002.

Dwar l-inċident ma tantx hemm xi tgħid peress li dan seħħ minħabba manuvra nsolita u perikoluża tal-konvenut u għalhekk huwa manifestament ċar li r-responsabbilita' hi tiegħu, tant li kif diġa' rilevat ammetta r-responsabbilita' tal-inċident.

Għalhekk il-punti li jridu jkunu deċiżi minn din il-Qorti huma d-danni sofferti mill-Attur.

**Punti ta' liġi**

Din hija azzjoni għad-danni li jridu jkunu likwidati minn din il-Qorti skond il-prinċipji indikati mil-Liġi u kif ukoll spjegati minn dawn il-Qrati.

Jingħad li f'każ ta' risarċiment ta' danni bħal dak li qed jitlob l-Attur, il-prinċipju bażiku li jservi ta' gwida huwa dak li peruna li sofriet id-dannu titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel l-inċident. Fi ftit kliem, huwa applikabbli l-prinċipju tar-restitutio ad integrum. (Ara **Sentenza tal-Prim**

**Awla per Imħallef Lino Farrugia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Limited**).

Artikolu 1045 (1) jistabilixxi x'tip ta' danni għandu jwieġeb għalihom il-persuna li tkun responsabbli għall-inċident li jkun ikkawża bi ħsara għal ħaddieħor. Dawn f'sens ġenerali jikkonsistu fit-telf attwali (damnum emergens) u t-telf fil-futur (lucrum cessans). Dawn il-prinċipji insibuhom f'artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi kif ġej:

*"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, lidak l-għemil seta' jġib".*

**Konsiderazzjonijiet**

*<u>Damnum emergens</u>*

Dawn huma d-danni li ħafna drabi jkunu jikkonsistu f'telf effettiv li jsir mid-danneġjat b'konsegwenza tal-inċident fatali. Dawn ikunu jikkonsistu f'infieq ta' kura, servizzi anċillari mal-istess u anke telf ta' salarji kemm il-persuna ddum ma tidħol għax-xogħol.

Skond id-dokumenti esebiti dawn id-danni huma s-segwenti : fiżjoterapija €120 (a' fol 64), €280 konsulti (a' fol 65 sa 670), €300 medical report (a' fol 68), prezz ta' assessment €2,455 (a' fol 69). Apparti dawn l-ammonti, minħabba l-istat li sab fih l-Attur kellu jħalli x-xogħol tiegħu (id-dawra tal-

ħobs). Dan ma setax imur ma' min fadal u minħabba f'hekk sofra telf sostanzjali. Il-Qorti tħoss li f'dan il-każ għandha tagħmel użu mill-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva u tillikwida somma konservattiva ta' €2000 għat-telf attwali li għamel fix-xogħol tiegħu.

Għalhekkk il-Qorti ssib li d-damnum emergens għandu jkun fl-ammont konservattiv ta' ħamest elef mija u ħamsa u ħamsin ewro (€5,155).

_Lucrum cessans_

Kif diġa rilevat, f'każ ta' risarċiment ta' danni l-prinċipju bażiku gwida huwa dak li l-persuna danneġġjata titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel l-inċident. Fi ftit kliem, huwa applikabbli l-prinċipju tar-restitutio ad integrum. (Ara **Sentenza tal-Prim Awla per Imħallef Lino Farrugia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Limited**).

Kif diġa' indikat Artikolu 1045 (1) jistabilixxi x'tip ta' danni għandu jwieġeb għalihom il-persuna li tkun responsabbli għall-inċident u li jkun ikkawża bi ħsara għal ħadd ieħor.

F'din il-parti tas-sentenza ser ikun trattat il-lucrum cessans għaliex id-damnum emergens diġa' ġie trattat aktar 'l fuq. F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim Awla per Imħallef J R. Micallef** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-

mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attriċi sejra tkun affettwata 'l quddiem fl-attivitajiet tagħha u f'saħħitha. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

Għalhekk sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulattivament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident bħal ma fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Issa f'dan il-każ ir-rapport tal-Perit Psikjatriku Dr. Etienne Muscat isib 20% diżabilita' permamenti (a' fol 130). Il-Perit Ortopediku Mr. Ray Gatt sab 5% diżabilita' (a' fol 145). Intalbu periti addizzjonali miż-żewġ partijiet. Il-periti

addizzjonali ortopediċi kkonfermaw id-diżabilita’ kif dikjarata minn Mr. Ray Gatt fil-perċentwal ta’ 5% (a’ fol 158). Pero’ il-Qorti rriskontrat problema kbira biex jiġu maħtura periti addizzjonali psikjatriċi peress li ħadd mit-tobba ma ried jaċċetta l-inkarigu. Għalhekk sabiex ma jkomplux jittawlu l-proċeduri, il-Qorti kellha tagħlaq il-provi għaliex altrimenti l-każ kien ser ikun interminabbli tenut kont li r-responsabbilita’ ġiet ammessa. Minħabba dan il-fatt il-Qorti qalet li ser tkun qed tieħu inkonsiderazzjoni r-rapport mediku ex parte ta’ l-Attur u dan fid-dawl tar-rapport tal-espert tal-Qorti.

Il-Qorti qieset kemm ir-rapport ta’ Dr. Mark Xuereb u kif ukoll dak ta’ Dr. Etienne Muscat. Issa l-Qorti jrid ikollha raġuni tajba għalfejn għandha tallontana lilha nnifisha mill-konklużjonijiet tal-Perit tagħha. Meta rat li skond Dr. Mark Xuereb li *“the whole psycho-social picture his percentage psychological disability ...12%*” huwa anqas minn dik tal-espert maħtur mill-Qorti, hija tal-fehma li l-persentaġġ ta’ 20% għandu jkun modifikat. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqies li l-persentaġġ totali ta’ diżabilita’ permanenti għandu jkun ta’ 18%. Il-Qorti żammet ukoll quddiem għajnejha kif anke l-konvenut talab il-ħatra ta’ periti addizzjonali psikjatriċi u li ma ġewx maħtura bl-ebda tort tiegħu imma għaliex il-Kawża ħadet korsa diffiċli ħafna fil-ħatra ta’ dawn l-esperti (a’ fol 133).

Issa huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba Attriċi sejra tinbena. Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta’ qliegħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f’dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

Illi huwa stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni għalhekk f'dan il-każ għandu jibda mit-23 ta' April 2016. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għalhekk il-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq.

Illum huwa wkoll aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-

**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti osservat li hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967**.

F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji.

Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** osservat li f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.

Issa f'din il-Kawża meta seħħ l-inċident l-Attur kellu 34 sena (twieled fis-17 ta' Ottubru 1982 a' fol 7). L-eta' tal-pensjoni hija dik ta' 65 sena. Mill-provi ma jirrisultax li l-Attur għandu xi mard li ma jagħtix garanzija li ma jwassalx

sal-eta' pensjonabbli. Għalhekk il-mutiplier li ser taħdem fuqu din il-Qorti huwa ta' 31 sena.

Irid ikun ikkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-"*lump sum payment*". Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali [ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**]. Fil-kawża **tal-Prim Awla Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża għaliex jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-"*lump sum deduction*" – (ara **Sentenza PA, fl-ismijiet Agius vs Fenech tad-29 ta' Ottubru, 2003**).

Fis-**Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18%. F'din il-kawża r-rikors ġuramentat ġie presentat fit-12 ta' Marzu 2020 u kienet titratta biss danni u mhux reponsabbilita'. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li l-*lump sum payment* għandu jkun ta' 15%.

Tajjeb li jiġi rilevat, li l-Qrati tagħna dejjem irritenew, li ma jistax ikun iddubitat, li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittattiva. F'deċiżjoni li tinsab **f'Vol. XXXV P. III p.615** tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta'

Cassazzioni li “*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e’ rimesso al Magistrato il-valutare ‘ex aequo et bono’ secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l’ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*”.

Issa din il-Qorti, kif presjeduta, dejjem irriteniet, li l-formula matematika kif stabbilita f’Butler -vs- Heard mhux veru tagħmel ġustizzja mad-danneġjat għaliex ma tieħux kont tal-aspetti tal-ħajja li dan ikun tilef għall-bqija ta’ ħajtu. Per eżempju f’dan il-każ l-Attur mhux ser ikun jista’ jilgħab futbol u jqatta’ ħajja aktar sħiħa mal-familja tiegħu.

Għalhekk din il-Qorti tagħti importanza kbira lill-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista’ jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar min-natura ta’ dak li hu mixtieq milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita’ permanenti, l-persuna terġa’ titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident, partikularment fil-każ in eżami, fejn id-danneġġjat tilef il-gost tal-ħajja tant li mart l-Attur tgħid qiesu għandha raġel ieħor.

Din il-Qorti tqies dan l-element bħala dak ta’ l-integrita’ tal-persuna. L-għotja ta’ flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista’ tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante*. Jekk l-Attur kien jipprattika sport, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa bil-kemm wieħed jista’ jkollu. Jgħid li meta jmur idur bil-vann tal-ħobs dan jagħmlu b’diffikulta kbira u saħansitra darba ħassu ħażin, iżda fl-istess ħin għandu

erbgħat iħluq x'jitma. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.

F'dan ir-rigward Munkman isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati f'Butler -vs- Hurd, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat. Għalhekk il-Qorti qed tillikwida *ex-equo et bono* is-somma konservattiva ta' ħamest elef ewro (€5000) biex tikkumpensa għal dan l-aspett tal-ħajja ta' l-Attur.

Fl-aħħar nett irid ukoll jittieħed inkonsiderazzjoni l-entrojtu annwali ta' l-Attur għaliex huwa fuq dan li jridu jsiru l-kalkoli matematiċi tat-telf fil-ġejjieni. Issa f'dan ir-rigward il-Qorti ser tieħu bħala dħul annwali ta' l-Attur dak li ġie ddikjarat mal-Kummissarju tat-taxxi għas-sena 2016. Dak iż-żmien kien €32,040 ewros fis-sena (a' fol 105)

Il-Qorti taqbel ukoll ma dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-**Sentenza fl-ismijiet Leslie Caruana -v- Brian Cauchi tat-30 ta' Mejju 2008**: "*Huwa risaput li*

*minn zmien għal zmien il-pagi jgħolew u dana bhala rizultat ta' l-inflazzjoni li teffettwa l-purchasing power ta' dak li jkun*." Għalhekk il-Qorti ser tkun qed iżżid fuq is-somma likwidata bħala lucrum cessans b'6% li hija r-rata ta' inflazzjoni at *arms length* tas-somma likwidata bħala telf fil-futur.

*Liwidazzjoni*

€32,040 (salarju annwali) x 34 (snis sal-pensjoni) = €1,089,360 – 15% (*lump sum payment*) = €925,956. 18% ta' din is-somma (diżabilita') = €166,672 + €5000 (integrita fiżika) = €171,672 + 6% (inflazzjoni) = €181,972 + €5155 (*damnum emergens*) = €187,127.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel taba** Attriċi.

**Tilqa' it-talbiet l-oħrajn** billi tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' mija sebgħa u tmenin elf mija sebgħa u għoxrin ewro (€187,127) u tikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont lill-Attur bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**